

Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8807/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0348 (CNS)**

**FISC 154
ECOFIN 554
EPPO 20
ECB
EIB**

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	15453/25
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-aċċess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għal informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test tal-approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq, li ntlaħaq fil-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) tal-5 ta' Mejju 2026.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-aċċess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għal informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010³ jistabbilixxi regoli dwar il-ħżin u l-iskambju permezz ta' mezzi elettroniċi ta' informazzjoni speċifika fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li tista' tgħin biex titwettaq valutazzjoni korretta tal-VAT, tiġi ssorveljata l-applikazzjoni korretta tal-VAT, b'mod partikolari fuq tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, u tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT. Madankollu, ma jipprevedix għal regoli li jirregolaw l-aċċess mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għal dik l-informazzjoni biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939⁴, lanqas biex l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jkollu aċċess biex iwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/904/oj>.

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).

- (2) Skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti skont id-dritt nazżjonali applikabbli għandhom jirrapportaw lill-UPPE, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe mgħiba kriminali, inkluż frodi transfruntiera tal-VAT, li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) u (3) ta' dak ir-Regolament. Skont id-definizzjoni, il-frodi transfruntiera tal-VAT tinvolvi diversi Stati Membri, u l-fluss ta' informazzjoni minn Stati Membri individwali lill-UPPE jista', f'ċerti każijiet, ma jkunx biżżejjed biex tkun żgurata stampa ġenerali f'waqtha u komprensiva tal-frodi transfruntiera tal-VAT fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, biex l-UPPE jiġi infurmat dwar ir-riskji ta' frodi tal-VAT fil-livell tal-Unjoni b'mod aktar f'waqtu u biex jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, jeħtieġ li jiġu stabbiliti f'aktar dettall il-modalitajiet skont liema l-Istati Membri, fi ħdan in-network tal-Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jittrażmettu lill-UPPE r-riżultati tal-ipproċessar u l-analiżi konġunti tal-Eurofisc fil-forma ta' rapporti ta' analiżi tal-Eurofisc dwar skemi frodulenti transfruntieri suspettati.
- (2a) Fit-tfassil tar-rapporti ta' analiżi tal-Eurofisc, jenħtieġ li l-Eurofisc jinkludi biss l-informazzjoni strettament meħtieġa biex l-UPPE jkun jista' jivvaluta jekk jeżerċitax il-kompetenza tiegħu. Sabiex jiġu definiti l-kriterji li abbażi tagħhom jenħtieġ li jitfasslu r-rapporti ta' analiżi tal-Eurofisc u l-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi inkluża fihom, u biex tiġi stabbilita formola standard għat-trażmissjoni tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Fit-tnejn tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Eurofisc.
- (2b) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/1939, f'każijiet speċifiċi, l-UPPE jista' jitlob aktar informazzjoni rilevanti disponibbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Għalhekk, jixraq li jiġu stabbiliti r-regoli skont liema l-Eurofisc jenħtieġ li jikkomunika lill-UPPE informazzjoni dwar frodi transfruntiera tal-VAT wara talba mill-UPPE.

- (3) Skont l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom ikunu jistgħu jiksbu kwalunkwe informazzjoni rilevanti maħżuna f'bażijiet ta' data nazzjonali ta' investigazzjoni kriminali u ta' infurzar tal-liġi, kif ukoll f'reġistri rilevanti oħra tal-awtoritajiet pubbliċi, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li japplikaw skont id-dritt nazzjonali f'każijiet simili. Skont l-Artikolu 43(2) ta' dak ir-Regolament, l-UPPE għandu jkun jista' wkoll jikseb kwalunkwe informazzjoni rilevanti li taqa' fil-kompetenza tiegħu li tkun maħżuna f'bażijiet ta' data u f'reġistri tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Skont id-definizzjoni, il-frodi transfruntiera tal-VAT tinvolvi diversi Stati Membri, u l-aċċess fil-livell tal-Istati Membri għall-informazzjoni rilevanti maħżuna f'bażijiet ta' data nazzjonali f'ċerti każijiet tista' ma tkunx suffiċjenti biex l-UPPE jiġġieled il-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2017/1939, sabiex l-UPPE jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti fil-livell tal-Unjoni b'mod aktar f'waqt u biex iwettaq il-mandat regolatorju tiegħu u jiġġieled kontra l-frodi fil-livell tal-Unjoni, huwa importanti li jiġu definiti r-regoli skont liema l-UPPE jenħtieġ ikollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni mill-bażijiet ta' data rilevanti u mir-reġistri tal-awtoritajiet kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010.
- (3a) Għall-istess raġuni, huwa importanti li l-UPPE jingħata aċċess ċentralizzat, għal tfittxijiet immirati fuq bażi ta' każ b'każ, għall-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna investigazzjoni permezz ta' punt tad-dħul uniku, anke jekk dik l-informazzjoni tkun tikkonċerna diversi Stati Membri. Jenħtieġ li tali aċċess ċentralizzat ikun strettament limitat għal tfittxijiet immirati marbuta ma' każijiet speċifiċi u jenħtieġ li ma jinvolvi x tiftix spekulattiv jew monitoraġġ aleatorju jew ġeneralizzat ta' informazzjoni dwar il-VAT. Dak l-aċċess ċentralizzat għall-bażijiet ta' data amministrattivi għal finijiet ġudizzjarji u ta' infurzar tal-liġi huwa ta' natura eċċezzjonali u huwa ġġustifikat minħabba l-ġlieda kontra l-frodi transfruntiera tal-VAT u jenħtieġ li ma jiġix interpretat ħażin bħala preċedent għal applikazzjoni aktar ġenerali.

- (3b) Biex iwettaq il-kompiti tiegħu, l-UPPE jaħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jassistu u jappoġġaw b'mod attiv l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-UPPE f'konformità mal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2017/1939. L-UPPE jipprovdi wkoll feedback u fejn rilevanti jikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dak ir-Regolament, inkluż skont l-Artikolu 5(6), l-Artikolu 25, il-paragrafi 1 sa 3, l-Artikolu 27(7) u l-Artikolu 34, il-paragrafi 1 sa 4.
- (4) L-Istati Membri li ma jieħdux sehem fl-UPPE huma obbligati, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera minqux fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jappoġġaw l-attivitajiet tal-UPPE u li jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-ilħuq tal-oġġettivi tiegħu. L-Eurofisc huwa magħmul kemm minn Stati Membri li jieħdu sehem fl-UPPE kif ukoll minn dawk li ma jieħdux sehem fih. Il-frodi transfruntiera tal-VAT tista' tkun mifruxa ma' kull Stat Membru u l-UPPE jeħtieġ li jkollu stampa sħiħa tan-networks frodulent. Għalhekk, huwa importanti li l-UPPE jikseb informazzjoni rilevanti dwar il-VAT skambjata mill-Istati Membri fil-Eurofisc u minn bażijiet ta' data u reġistri tal-awtoritajiet kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939. Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-ambitu tal-kompetenzi tal-UPPE, kif definiti fir-Regolament (UE) 2017/1939.
- (5) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jneħħu l-ostakli legali li jipprevjenu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u b'mod partikolari li l-OLAF jingħata aċċess għas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-VAT (VIES) u d-data tal-Eurofisc⁶. F'dak ir-rigward huwa importanti li l-aċċess ċentrali għall-bażijiet ta' data u r-reġistri rilevanti tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 ikollu bażi legali ċara.

⁶ Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 24/2015: L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni (https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR15_24).

- (6) Sabiex l-OLAF jiġi infurmat dwar frodi tal-VAT marbuta mad-dwana suspettata li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex iwettaq il-mandat regolatorju tiegħu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati skont liema l-Istati Membri, fin-network tal-Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrappurtaw lill-OLAF ir-riżultati tal-ipproċessar u l-analiżi konġunti tal-Eurofisc fil-forma ta' rapporti ta' analiżi tal-Eurofisc dwar skemi frodulentanti transfruntieri suspettati. Barra minn hekk, jenħtieġ li, wara talba mill-OLAF, l-Eurofisc jikkomunika lill-OLAF l-informazzjoni dwar frodi tal-VAT marbuta mad-dwana transfruntiera li potenzjalment taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (6a) Fit-tfassil tar-rapporti ta' analiżi tal-Eurofisc, jenħtieġ li l-Eurofisc jinkludi biss l-informazzjoni strettament meħtieġa biex l-OLAF ikun jista' jivvaluta jekk jeżerċitax il-kompetenza tiegħu. Sabiex jiġu definiti l-kriterji li abbażi tagħhom jenħtieġ li jitfasslu r-rapporti ta' analiżi tal-Eurofisc u l-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi inkluża fihom, u biex tiġi stabbilita formola standard għat-trażmissjoni tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Waqt it-tnejn tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Eurofisc.

- (7) Meta jkun hemm biżżejjed suspett li kien hemm frodi f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-OLAF għandu jkollu d-dritt ta' aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti f'bażijiet tad-data miżmuma mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji filwaqt li jirrispetta l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Dak id-dritt ta' aċċess għandu jiġi eżerċitat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013. Għalhekk, sabiex l-OLAF jaċċessa l-informazzjoni rilevanti dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni li tista' tkun rilevanti għall-investigazzjonijiet amministrattivi relatati mad-dwana biex jeżerċita l-kompetenza tiegħu, huwa importanti li jiġu definiti r-regoli skont liema jenħtieġ li l-OLAF jaċċessa l-informazzjoni rilevanti dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni mill-bażijiet ta' data u r-reġistri rilevanti tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

- (7a) Għall-istess raġuni, huwa importanti li l-OLAF jingħata aċċess ċentralizzat, għal tfittxijiet immirati fuq bażi ta' każ b'każ, għall-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna investigazzjoni permezz ta' punt tad-dħul uniku, anke jekk dik l-informazzjoni tikkonċerna diversi Stati Membri. Jenġtieg li tali aċċess ċentralizzat ikun strettament limitat għal tfittxijiet immirati marbuta ma' każijiet speċifiċi u jenġtieg li ma jinvolvi tiftix spekulattiv jew monitoraġġ aleatorju jew ġeneralizzat ta' informazzjoni dwar il-VAT. Dak l-aċċess ċentralizzat għall-bażijiet tad-data amministrattivi għall-finijiet tat-twettiq ta' investigazzjonijiet amministrattivi relatati mad-dwana huwa ta' natura eċċezzjonali u huwa ġġustifikat biex jissodisfa l-mandat tiegħu u jenġtieg li ma jiġix interpretat ħażin bħala preċedent għal applikazzjoni aktar ġenerali.
- (7b) Biex iwettaq il-kompiti tiegħu, l-OLAF jaħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti f'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013. L-OLAF jipprovdi wkoll feedback u fejn rilevanti jikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dak ir-Regolament, inkluż skont l-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 12(5).

- (8) L-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, il-pagamenti transfrontieri u l-importazzjonijiet eżentati mill-VAT hija importanti għall-għieda kontra l-frodi. Dik l-informazzjoni tinġabar mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali, il-Kummissjoni qed tiffaċilita l-iskambju ta' dik l-informazzjoni bħala proċessur tad-data u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jaġixxu bħala kontrolluri tad-data, skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ rispettivament. Jenħtieġ li l-aċċess ċentralizzat tal-UPPE u tal-OLAF għall-informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jingħata mingħajr preġudizzju għar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679. L-UPPE u l-OLAF huma marbuta bir-regoli għall-protezzjoni tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, inkluż il-prinċipji tal-proporzjonalità, l-akkontabbiltà, l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi adatti u s-superviżjoni mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. L-informazzjoni soġġetta għal tfittxijiet immirati mill-UPPE u mill-OLAF permezz ta' aċċess ċentralizzat hija informazzjoni dwar in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT, it-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, l-importazzjonijiet eżentati mill-VAT marbuta mal-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet (IOSS) u l-proċedura doganali 42/63 importazzjonijiet, u informazzjoni dwar il-pagamenti maħżuna fis-sistema CESOP. L-informazzjoni maħżuna fis-sistema ta' Analiżi tan-Networks ta' Tranżazzjonijiet (TNA) tal-Eurofisc mhix soġġetta għal tfittxijiet immirati mill-UPPE jew mill-OLAF.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

- (9) Sabiex jiġi protett l-aċċess għad-data personali, jenħtieġ li l-Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif ukoll persunal magħżul tal-UPPE u tal-OLAF, preċedentement awtorizzati rispettivament mill-UPPE u l-OLAF biss, jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-VAT biex iwettqu l-kompiti tagħhom. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkollhom aċċess għar-reġistri tal-awditjar tal-aċċess tal-UPPE u tal-OLAF għal finijiet ta' informazzjoni, inkluż biex jiġi attribwit kull aċċess għal fajls ta' każijiet ta' investigazzjoni partikolari u lil utenti speċifiċi. Il-partijiet rilevanti tar-reġistru tal-awditjar għandhom ikunu disponibbli anki għall-UPPE u għall-OLAF għall-finijiet ta' mekkaniżmi ta' kontroll intern fir-rigward tal-aċċess korrett għad-data u l-użu tagħha, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, li l-konformità tagħha hija monitorjata mill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data deżinjati kif imsemmi fl-Artikolu 77(1) tar-Regolament dwar l-UPPE u fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament dwar l-OLAF. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għal dak l-aċċess, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-dettalji tekniċi li jikkonċernaw l-aċċess ċentralizzat, il-miżuri tekniċi ta' protezzjoni tad-data, ir-rekwiżiti tar-reġistru tal-awditjar u l-arranġamenti prattiċi għall-aċċess għalih. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.
- (10) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>

- (11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Jenħtieġ li dan iqis id-dati meta ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. Jenħtieġ li l-UPPE u l-OLAF ikunu responsabbli għall-kostijiet tal-istabbiliment u l-manutenzjoni tal-infrastruttura u l-mezzi tekniċi rilevanti għall-aċċess sigur għall-informazzjoni dwar il-VAT. Meta jeżaminaw u jevalwaw il-funzjonament tal-arranġamenti għall-kooperazzjoni amministrattiva previsti fir-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħtu attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni Prattika u l-impatt tal-aċċess ċentralizzat tal-UPPE u tal-OLAF għall-informazzjoni dwar il-VAT, inkluż l-effettività tas-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi rilevanti.
- (12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Jannar 2026.
- (13) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 904/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 21, jiddaħħal il-paragrafu 2c li ġej:

"2c. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) aċċess għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 49a u 49b u f'konformità mal-limiti u r-regoli stabbiliti fihom.";

(2) L-Artikolu 24d huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"Artikolu 24d

1. L-aċċess għas-CESOP għandu jingħata biss lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc, kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), li jkollhom identifikazzjoni tal-utent personali għas-CESOP u meta dak l-aċċess ikun b'rabta ma' investigazzjoni fi frodi tal-VAT suspettata jew biex tiġi identifikata frodi tal-VAT.
2. B'deroga mill-paragrafu (1), l-UPPE u l-OLAF għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni tas-CESOP f'konformità mal-limiti u r-regoli stabbiliti fl-Artikoli 49a u 49b.";

(3) Fl-Artikolu 24k, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġejj:

"1a. L-UPPE u l-OLAF għandhom jaċċessaw l-informazzjoni tal-VIES ċentrali f'konformità mal-limiti u r-regoli stabbiliti fl-Artikoli 49a u 49b";

(4) Fl-Artikolu 36, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. L-Eurofisc għandu jikkomunika lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, rapporti ta' analiżi speċifiċi tal-Eurofisc li jidentifikaw każijiet ta' skemi frodulenti transfruntieri suspettati kif definiti fl-Artikolu 3(2)(d) tad-Direttiva (UE) 2017/1371, abbażi ta' informazzjoni mill-Istati Membri skambjata skont dan ir-Regolament u wara l-analiżi tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 33, li fir-rigward tagħhom l-UPPE jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu. Ir-rapporti ta' analiżi speċifiċi tal-Eurofisc għandhom jitfasslu abbażi tal-kriterji u bl-użu tal-formola standard imsemmija fil-paragrafu 2e ta' dan l-Artikolu. Wara li jitfasslu, dawn għandhom jiġu kkomunikati lill-UPPE mingħajr dewmien żejjed.

- 2b. Matul investigazzjoni jew prosekuzzjoni mill-UPPE, u fuq it-talba tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 24(9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, l-Eurofisc għandu jikkomunika lill-UPPE kwalunkwe informazzjoni rilevanti disponibbli mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT skambjata skont dan ir-Regolament.
- 2c. F'konformità mal-Artikolu 8, (2) u (3), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** l-Eurofisc għandu jikkomunika lill-OLAF rapporti ta' analiżi speċifiċi tal-Eurofisc li jidentifikaw każijiet suspettati ta' frodi tal-VAT marbuta mad-dwana li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni abbażi ta' informazzjoni mill-Istati Membri skambjata skont dan ir-Regolament u wara l-analiżi tagħha msemmija fl-Artikolu 33, sabiex l-OLAF ikun jista' jqis azzjoni adatta f'konformità mal-mandat tiegħu. Ir-rapporti ta' analiżi speċifiċi tal-Eurofisc għandhom jitfasslu abbażi tal-kriterji u bl-użu tal-formola standard imsemmija fil-paragrafu 2e ta' dan l-Artikolu. Wara li jitfasslu, dawn għandhom jiġu kkomunikati lill-OLAF mingħajr dewmien żejjed.
- 2d. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u fuq it-talba tal-OLAF, l-Eurofisc għandu jikkomunika lill-OLAF kwalunkwe informazzjoni disponibbli mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera suspettata tal-VAT li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni skambjata skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jqis l-azzjoni adatta f'konformità mal-mandat tiegħu.

- 2e. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-kriterji li abbażi tagħhom għandhom jitfasslu r-rapporti ta' analiżi tal-Eurofisc, l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża sabiex l-UPPE jew l-OLAF ikunu jistgħu jivvalutaw il-kompetenza tagħhom, u għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 2a u l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 2c. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament. Fit-tnejn tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Eurofisc.

* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

** Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).";

(4a) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw u jivvalutaw kif qegħdin jaħdmu l-arranġamenti għal kooperazzjoni amministrattiva prevista f'dan ir-Regolament. L-evalwazzjoni għandha tinkludi l-applikazzjoni prattika tal-Artikolu 36, il-paragrafi (2a) sa (2d), u tal-Artikoli 49a u 49b. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad l-esperjenza tal-Istati Membri bil-għan li ttejjeb l-operazzjoni ta' dawk l-arranġamenti.";

(5) fil-Kapitolu XIII, jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 49a

1. Għall-finijiet definiti fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess ċentralizzat lill-UPPE, għal tfittxijiet immirati, għall-informazzjoni li ġejja:
 - (a) Mill-1 ta' Settembru 2026 sat-30 ta' Ġunju 2032, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti (a), (b) u (c), ta' dan ir-Regolament;
 - (b) Mill-1 ta' Settembru 2026, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti (e) u (f), ta' dan ir-Regolament;
 - (c) Mill-1 ta' Settembru 2026, l-informazzjoni trażmessa f'konformità mal-Artikolu 24b(3) ta' dan ir-Regolament;
 - (d) Mill-1 ta' Lulju 2030, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24g(2) ta' dan ir-Regolament.
2. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata meta jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) l-aċċess jingħata biss lill-Prosekuturi Ewropej, lill-Prosekuturi Delegati Ewropej, u lil persunal identifikat awtorizzat mill-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE b'identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;
 - (b) l-aċċess jingħata biss għall-fini tal-eżerċizzju tal-kompetenza msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/1939;

- (c) l-aċċess jingħata biss meta r-reġistri tal-awditjar tal-aċċess ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-informazzjoni u għall-UPPE għall-finijiet ta' kontroll intern.
3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt tad-dħul uniku għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni tkun tikkonċerna diversi Stati Membri.
4. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dawn li ġejjin:
- (a) id-dettalji tekniċi dwar l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż il-kategoriji tat-tfittxijiet immirati li jistgħu jitwettqu;
 - (b) il-miżuri tekniċi għall-protezzjoni tad-data li jnaqqsu r-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat, tfittxijiet mhux immirati jew abbuż, inkluż l-identifikazzjoni tal-utenti msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (c), ta' dan l-Artikolu, il-profilu tal-utenti, il-kontrolli tal-aċċess u l-mekkaniżmi li jiżguraw l-attribuzzjoni ta' kull aċċess għal fajl ta' investigazzjoni u lil utent speċifiċi;
 - (c) ir-rekwiżiti tar-reġistru tal-awditjar, inkluż l-attribuzzjoni ta' kull aċċess għal fajl ta' każ ta' investigazzjoni konkreta u utent, u l-arranġamenti prattiċi għall-aċċess għalih.
- L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.
5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-UPPE.

Artikolu 49b

1. Għall-finijiet definiti fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess ċentralizzat lill-OLAF, għal tfittxijiet immirati, għall-informazzjoni li ġejja:
 - (a) Mill-1 ta' Settembru 2026 sat-30 ta' Ġunju 2032, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti (a), (b) u (c), ta' dan ir-Regolament;
 - (b) Mill-1 ta' Settembru 2026, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti (e) u (f), ta' dan ir-Regolament;
 - (c) Mill-1 ta' Settembru 2026, l-informazzjoni trażmessa f'konformità mal-Artikolu 24b(3) ta' dan ir-Regolament;
 - (d) Mill-1 ta' Lulju 2030, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24g(2) ta' dan ir-Regolament.

2. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata meta jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) L-aċċess jingħata biss lill-persunal identifikat awtorizzat mill-OLAF li jkollu identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;
 - (b) L-aċċess jingħata biss għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' suspetti eżistenti li kien hemm frodi qabel il-ftuħ u għall-finijiet tat-twettiq ta' investigazzjonijiet amministrattivi speċifiċi marbuta mad-dwana f'konformità mal-kompiti tal-OLAF kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013;
 - (c) L-aċċess jingħata biss meta r-reġistri tal-awditjar tal-aċċess ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-informazzjoni u għall-OLAF għall-finijiet ta' kontroll intern.

3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt tad-dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni tkun tikkonċerna diversi Stati Membri.
4. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dawn li ġejjin:
 - (a) id-dettalji tekniċi dwar l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż il-kategoriji tat-tfittxijiet immirati li jistgħu jitwettqu;
 - (b) il-miżuri tekniċi għall-protezzjoni tad-data li jnaqqsu r-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat, tfittxijiet mhux immirati jew abbuż, inkluż l-identifikazzjoni tal-utenti msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (c), ta' dan l-Artikolu, il-profil tal-utenti, il-kontrolli tal-aċċess u l-mekkaniżmi li jiżguraw l-attribuzzjoni ta' kull aċċess għal fajl ta' investigazzjoni u lil utent speċifiċi;
 - (c) ir-rekwiżiti tar-reġistru tal-awditjar, inkluż l-attribuzzjoni ta' kull aċċess għal fajl ta' każ ta' investigazzjoni konkreta u utent, u l-arranġamenti prattiċi għall-aċċess għalih.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, l-operat u l-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-OLAF."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, il-punti (1), (2), (4) u (5) għandhom japplikaw mill-1 ta' Settembru 2026.

L-Artikolu 1, il-punt (3), għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2030.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
